

# MITT SENA MIT-TWAQQIF TAL-PROVINĊJA KARMELITANA MALTIJA

*Tagħrif storiku miġbur minn P. Serafin Abela O. Carm.*

B'digriet maħruġ mill-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u tar-Regulari ppubblikat fis-7 ta' Mejju 1892, il-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni, il-Majjistru Patri Luigi Maria Galli gie mogħti l-fakultà biex il-kunventi li l-Ordni Karmelitan kellu f'Malta seta' jagħmilhom Provinċja bl-isem ta' "Provinċja ta' Sant Elija Profeta fil-Gżira ta' Malta". Għaldaqstant f'Mejju ta' din is-sena l-Provinċja Karmelitana f'Malta tiċċelebra l-ewwel mitt sena mit-twaqqif tagħha.

L-ewwel reliġjużi Karmelitani ġew Malta għall-ħabta tas-sena 1418 b'riħet it-testment tan-nobbli sinjura Margerita D'Aragona li ħalliet il-knisja tal-Lunzjata fil-contrada ta' San Leonardo, limiti tar-Rabat, Malta, biex tiġi mogħtija mill-esekuturi tat-testment tagħha lil dik l-għaqda jew Ordni reliġjuż li jaċċetta li jibda jiffunzjona u jamministra l-knisja mibnija minnha. L-esekuturi taw lil din il-knisja lill-Patrijiet Karmelitani. Għaldaqstant, il-Lunzjata, kif inhi magħrufa llum, hija meqjusa bħala l-benniena ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta. Il-knejjes u l-kunventi kollha karmelitani f'Malta jafu l-bidu tagħhom lill-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata.

Il-kunvent u r-reliġjużi karmelitani f'Malta, l-istess bħal reliġjużi ta' l-Ordnijiet reliġjużi l-oħra, kienu sa mill-bidu jiddependu mill-Provinċjal tagħhom fi Sqallija. Ġieli l-Provinċjal kien ikollu lil xi reliġjuż bħala rappreżentant tiegħu f'Malta. B'danakollu l-permessi u l-ordnijiet kienu jridu jiġu minn Sqallija.



**L-ewwel Kappella u Kunvent tal-Karmelitani f'Malta - Lunzjata, Limiti tar-Rabat**

Biż-żmien, din is-sitwazzjoni ma bdietx togħġob lir-reliġjużi Maltin. Għaldaqstant bdew jitolbu li jinħelsu mis-setgħa tal-Provinċjal ta' Sqallija u jkunu jiddependu biss mill-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni.

L-ewwel attentat biex il-kunventi karmelitani f'Malta ma jibqgħux aktar taħt it-tmexxija tal-Provinċja ta' Sqallija sar fil-bidu tas-sena 1752, meta P. Paskal Clyson, li kien Pirjol tal-kunvent tal-Belt, u sħabu, permezz

*Tkompli paġna 79*

*Tkompli minn paġna 77*

tal-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni, nhar is-16 ta' Frar ta' l-1752, mingħand il-Papa Benedittu XIV, qalgħu il-grazzja li ż-żewġ kunventi tal-Belt u ta' l-Imdina jkunu mifruda mill-Provinċja ta' Sant Anġlu fi Sqallija u jkunu jiddependu direttament mill-Pirjol Ġenerali.

Billi l-Isqallin u xi Maltin ukoll, qalgħu tant inkwiet li Ruma kienet kostretta tibgħat Viżitatur, Mons. Salviati, l-inkwiżitur ta' dak iż-żmien, biex iżur il-kunvent tal-Belt. Il-Viżitatur sema' u ra kollox imma baqa' kollox kif kien.

Attentat ieħor sar fis-sena 1790 meta Ruma ħalliet fid-diskrezzjoni ta' l-inkwiżitur f'Malta, Mons. Gallerati Scotti, jekk jifridx il-kunventi ta' Malta minn dawk ta' Sqallija. Dan l-attentat wkoll ma ġab ebda tibdil.

Dak li ma setax isir minħabba l-arroganza u l-qawwa ta' Sqallija u Napli, sar meta l-Franċiżi li kienu qed jokkupaw Malta ċedew u Malta waqgħet f'idejn l-Ingliżi. Fis-27 ta' Awissu 1801, Charles Cameron, il-Kummissarju Ngliż f'Malta ħareġ ordni biex id-Djoċesi ta' Malta tkun tiddependi direttament mill-awtorità tas-Santa Sede. Fil-15 ta' Settembru, mbagħad, ordna li r-reliġjużi Maltin kellhom jibdew jiddependu mis-Superjuri Ġenerali tagħhom f'Ruma. Billi xi reliġjużi ma tawx każ ta' din l-ordni, fl-14 ta' Jannar 1819, is-segretarju amministrattiv tal-gvern ħareġ ordni oħra biex jikkundanna dan l-abbuż u jwissiehom li minn dak inhar ir-reliġjużi kollha ma kenux jiddependu aktar mill-Provinċjali ta' Sqallija, iżda mis-Superjuri Ġenerali tagħhom. Għaldaqstant fl-1819, il-Vigarju Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitan f'Ruma għażel bħala l-ewwel Vigarju Provinċjali taż-żewġ kunventi karmelitani f'Malta, lill-P. Majjistru Pietru Tumas Tanti.

Fit-22 ta' Mejju 1890, il-Karmelitani ħadu pussess tal-knisja tal-Karmnu ta' San Ġiljan li ġiet mogħtija lilhom mill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Għaldaqstant, billi l-patrijiet Karmelitani kellhom tliet kunventi, talbu, biex titwaqqaf il-Provinċja Karmelitani Maltija, jiġifieri, li tkun awtonoma, tkun tista tagħżel is-superjuri tagħha, u tmexxi l-amministrazzjoni hija stess. Għaldaqstant, fis-7 ta' Mejju 1892, il-Kongregazzjoni ta' l-

*Tkompli paġna 81*

REDEEMER FURNITURE

**Prop. Joseph Spiteri**

**HIGH CLASS FURNITURE**

219, 222, 223, Cannon Road
Sta. Venera

Tel: 232315

*Tkompli minn paġna 79*

Isqfijiet u r-Regulari tat lill-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni, l-fakultà li jwaqqaf "Il-Provinċja ta' San Elija Profeta fil-gżira ta' Malta".

Għal din l-okkażjoni, ġie Malta l-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni, P. Luigi Galli u fil-31 ta' Mejju 1892, fil-kunvent tal-Karmnu tal-Belt, iddikjara l-kunventi Karmelitani f'Malta bħala Provinċja u għażel, kif kien dritt tiegħu, bħala l-ewwel Provinċjal, lil P. Luigi Malfatti, li kien il-Vigarju Provinċjali. Bħala kunsillieri tiegħu għażel lil P. Ġiljan Calleja, P. Avertan Said, P. Ang Mallia u P. Franġisk Raiti li mbagħad sar Provinċjal u Isqof ta' Trapani fi Sqallija. It-twaqqif tal-Provinċja kellu effett pożittiv ħafna. Infatti, fl-1912, l-Patrijiet Karmelitani ħadu l-knisja u l-kunvent ta' S. Venera li fl-1918 saret parroċċa. Imbagħad insibuhom fil-Fgura fis-sena 1945, li saret parroċċa fl-1965. Fis-sena 1947 infetħet il-knisja tal-Fleur-de-Lys. Fl-1974, il-Knisja tal-Karmnu tal-Balluta, San Ġiljan saret parroċċa u sena wara anki dik tal-Karmnu ta' Fleur-de-Lys saret parroċċa. Fl-1969 infetħet il-Kripta ta' Triq il-Parroċċa, S. Venera. Illum din il-knisja qed isservi ta' knisja parrokkjali sakemm titlesta l-knisja li qed tinbena. F'Marzu 1990, il-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta, P. John Malley, fetaħ mill-ġdid il-Lunzjata, il-benniena ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta ,bħala Dar tat-Talb u ta' l-Irtiri. Fit-28 ta' Ottubru 1944, ġie inawgurat formalment mill-Provinċjal, P. Pietru Dimech, dak li llum hu magħruf bħala l-Mount Carmel College. Fis-sena 1949, il-Provinċja Karmelitana Maltija firxet il-ħidma tagħha fl-Amerka Latina; l-ewwel fil-Perù u fis-sena 1956, fil-Bolivja. Dan l-aħħar ukoll, il-Provinċja aċċettat li tieħu ħsieb il-knisja u l-kunvent ta' Milazzo fi Sqallija. Il-Provinċja kellha wkoll żewġ Isqfijiet: Mons. Franġisk Raiti Isqof ta' Trapani fi Sqallija u Mons. Redent Gauci, Isqof ta' Chuquibamba fil-Perù.

Nittamaw li din il-ħarsa lura lejn dak li wettqu r-reliġjużi karmelitani ta' qabilna tkun għalina ta' spinta kbira biex il-Provinċja tilqa' l-isfidi tas-seklu wieħed u għoxrin u tiġġedded skond il-bżonnijiet ta' llum.

Mobilia Penza

***Manufacturers & Exporters of Antique Style Furniture***

Factory 204A, Industrial Estate,
Luqa LQA 05 - Malta
Telephone: 222094 - 244485
Fax: 244485